PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

# 2021



Valletta
4 ta' Ġunju 2021

Ritratt tal-qoxra: Dipartiment tal-Informazzjoni

# Programm Uffiċjali u

# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tat-tifkira

# tas-SETTE GIUGNO

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021**

## DISKORS FL-OKKAŻJONI TAS-SETTE GIUGNO 2021

Il-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno ta' din is-sena, 2021, hija waħda importanti għall-Parlament Malti mhux biss għax bħalma hu xieraq qegħdin nagħtu ġieħ lil dawk li ssieltu, u wħud anke taw ħajjithom, sabiex Malta taqbad sew il-mixja demokratika tagħha, iżda wkoll peress li din is-sena taħbat il-mitt sena miċ-ċerimonja inawgurali tal-Parlament Malti, proprju fl-1 ta' Novembru tal-1921 wara li Malta ngħatat il-Kostituzzjoni tas-*self-government* magħrufa aħjar bħala l-Kostituzzjoni Amery-Milner, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1921.

Interessanti l-fatt illi din il-Kostituzzjoni daħlet fis-seħħ proprju tliet ijiem biss qabel ma fis-17 ta' April tal-1921 miet fl-eżilju Manwel Dimech, li kien u għadu meqjus bħala viżjonarju ewlieni għal pajjiżna. Ma kienx biss wieħed mill-ewwel soċjalisti bi prinċipji sodi, filosofu, awtur u poeta, imma kellu viżjoni għal Malta li kienet tħares ħafna aktar 'il bogħod minn ta' dawk li fl-istess perjodu kienu qegħdin imexxu u wkoll jagħtu kontribut fil-ħidma ta' pajjiżna. Qed ngħid dan għaliex minkejja li dak iż-żmien kien hemm ħafna opinjonijiet dwar kif għandu jitmexxa pajjiżna, Manwel Dimech kien diġà qed jara li Malta għandha tkun kompletament indipendenti u ħielsa mill-barrani. Qed ngħid dan għaliex dak iż-żmien jirriżulta li kien hemm ukoll tentattivi sabiex Malta tiġi skambjata mal-Eritrea u b'hekk tingħaqad mal-Imperu Faxxista Taljan ta' Mussolini.

Meta wieħed iħares lura, kif qed nagħmlu llum, isib li kien hemm diversi mumenti fl-istorja li llum il-ġurnata ftit li xejn jissemmew. Pereżempju, qabel ma ġiet mogħtija l-Kostituzzjoni tal-1947, naraw illi l-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmiem kitbet lill-Colonial Office fejn esprimiet reżistenza qawwija biex il-vot għan-nisa ma jidħolx f'pajjiżna qabel ma jiġi soġġett għal referendum. Dan li qed ngħid huwa dokumentat fl-arkivji tal-Parlament, senjatament f'ittra datata 11 ta' Frar 1947 u mibgħuta minn Nerik Mizzi, dak iż-żmien kap tal-Partit Nazzjonalista, u ser nikkwota minn dan id-dokument:

"*Certain of interpreting the feelings of the great majority of the public, I hereby renew the request of the Nationalist Party that the question of female suffrage, as well as the issue of the Senate, should be submitted to a national referendum. It is asked also that both referendums should be held prior the coming into force ofthe the new Constitution, so that that this Instrument may be eventually modified according to the wishes of the majority of the people of Malta and Gozo. This procedure suggested by the Nationalist Party Executive, corresponds with the one which the Labour Party Delegation in London in August 1945 had suggested to the Colonial Office.*"

Hawnhekk però rrid ngħid li f'dan ir-rigward sar pass 'il quddiem għaliex grazzi għall-maturità politika fil-pajjiż u fil-Parlament Malti, ftit tal-ġimgħat ilu għaddew emendi għall-Kostituzzjoni u għall-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali biex fl-elezzjoni ġenerali li jmiss ikollna mhux inqas minn 40% tad-Deputati eletti fil-Parlament li jkunu nisa. Tajjeb inżid li l-mod kif jaħdem u jiskatta l-mekkaniżmu li jikkoreġi dak l-iżbilanċ sal-lum persistenti fil-proporzjon ta' nisa eletti, sar bi qbil tal-maġġoranza assoluta tal-Parlament Malti.

Iċ-ċentinarju mit-twelid tal-Parlament Malti jagħtina l-opportunità li ċirkostanzi kif kont qed insemmi aktar qabel – anke jekk issa meqjusa sorvolati – ma jintesewx.

Kwestjoni oħra taħraq fil-mixja kostituzzjonali ta' pajjiżna kienet dik tar-rikonoxximent tar-reliġjon Kattolika fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna. Peress illi l-Ingliżi rrifjutaw illi jdaħħlu dan il-prinċipju fil-Kostituzzjoni Amery-Milner tal-1921, meta beda jiffunzjona l-Parlament Malti kif nafuh illum taħt l-Ispeaker Edgar Arrigo – li inċidentalment jiġi l-bużnannu tal-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Onorevoli Robert Arrigo – kellha mill-ewwel tiġi mgħoddija liġi biex tindirizza din il-kwestoni. Tant hu hekk li dak iż-żmien l-Isqof Maurus Caruana kien kiteb kliem iebes lis-segretarju tal-Kolonja

Ingliża, fejn insibu li fl-ittra datata 19 ta' Ġunju 1920 kiteb, u nikkwota:

> "*The British have not kept their promise made at the beginning of their administration, that is, they would recognise and protect the Religion of the Maltese. The clause of the NA [National Assembly] had been left out from the draft of the Colonial Office.*".

F'din l-istess ittra l-Isqof kiteb ukoll:

> "*We allude to the article by which the people of Malta and Gozo, faithful to the Religion of their fathers, proud of the Catholic faith, which ever since the year 52 A.D. has always been professed in these islands, had declared that the Catholic Religion to be the religion of Malta.*".

Kien għalhekk li meta ltaqa' l-Parlament Malti fit-tieni seduta konġunta tas-Senat u tal-Assemblea Leġiżlattiva li saret fit-3 ta' Novembru 1921, il-Prim Ministru Joseph Howard ressaq mozzjoni dwar dikjarazzjoni tal-fidi magħrufa bħala *Declaration of Faith*. Fis-seduta ta' wara, il-Prim Ministru ressaq l-Ewwel Qari tal-Att imsejjaħ *Religion of Malta Act* li t-titolu sħiħ tiegħu kien jaqra hekk:

> "*An Act to declare that the Roman Catholic Apostolic Religion is the Religion of Malta and its dependencies.".*

Jidher li l-Att tressaq bl-iskop li d-dikjarazzjoni fuq imsemmija tingħata saħħa ġuridika u dan joħroġ minn dak li nsibu fil-preambolu tal-Att innifsu li jgħid:

> "*And whereas a declaration to that effect has already been made by the Senate and the Legislative Assembly at their joint meeting held on the third November, 1921;*

*And whereas it is necessary to give more formal sanction to this declaration;*

*Be it enacted by the King's Most Excellent Majesty by and with the advice and consent of the Senate and of the Legislative Assembly of Malta as follows:*

*Article 1. The Roman Catholic Apostolic Religion is, as it has ever been in the past, the Religion of Malta and its dependencies."*

Dan l-Att ġie sussegwentement mgħoddi mill-Assemblea Leġiżlattiva fit-2 ta' Frar tal-1922, mis-Senat fit-22 ta' Frar u mogħti l-kunsens tal-Gvernatur fl-4 ta' Marzu tal-istess sena. Qed nagħmel referenza partikolari għall-kwestjoni tar-reliġjon Kattolika f'Malta u kif iddaħħlet b'liġi fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna tal-1921 għaliex anke f'dan ir-rigward naraw ċertu maturità politika. F'dan ir-rigward ninnota wkoll li minkejja li matul dawn il-mitt sena ta' ħidma parlamentari l-kwestjoni politika-reliġjuża tfaċċat numru ta' drabi, fosthom anke fis-snin sittin bejn il-Knisja Kattolika u l-Oppożizzjoni prinċipali ta' dak iż-żmien, allura l-Malta Labour Party, mal-milja taż-żmien ir-rikonoxxment tar-reliġjon Kattolika bħala r-reliġjon ewlenija ta' pajjiżna, narawh jibqa' jiddaħħal fil-Kostituzzjoni tal-Indipendenza tal-1964 u wkoll fil-Kostituzzjoni tal-1974 proprju meta Malta saret Repubblika. Dan, kif diġà indikajt, qed ngħidu biex wieħed jifhem il-livell ta' maturità politika li minkejja l-ostakoli kollha, intwera matul dawn il-mitt sena.

U hawn xtaqt insemmi dak li qalli l-Kardinal Tarcisio Bertone – is-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan fi żmien il-Papa Benedittu XVI – meta kelli x-xorti nilqgħu fil-Parlament Malti fit-30 ta' Novembru 2019. Dan kien personalment faħħar lill-Eks Prim Ministru Dom Mintoff u qalli xi ħaġa li jien issorprendejt ruħi biha għax kien dettall li ma kontx naf bih; kien spjegali li Mintoff dejjem iddefenda u sostna li r-Reliġjon Kattolika għandha tibqa' rikonoxxuta fil-Kostituzzjoni ta' Malta bħala r-reliġjon ewlenijia ta' pajjiżna.

Irrid ngħid li b'riżultat ta' din il-laqgħa ġie mniedi uffiċjalment grupp parlamentari ta' ħbiberija (*parliamentary friendship group)* inkarigat li jsegwi r-relazzjonijiet bejn Malta u s-Santa Sede, u hawn nikkwota minn ittra datata 3 ta' Jannar 2020 mibgħuta mis-Secretary for the Holy See's Relations with States, l-Arċisqof Paul R. Gallagher li kitibli hekk:

> *"Now the Parliament, which is the institution that represents the Maltese people, so profoundly marked by the Catholic Faith, is taking an initiative in this area.*
>
> *I wish to assure you that this Office will be ready to cooperate with the Parliamentary Friendship Group, in order to promote a deeper reciprocal understanding between Malta and the Holy See."*

Lura għall-okkażjoni li qed infakkru llum, din il-maturità politika kien diġà tkellem dwarha l-kummerċjant u membru tal-Assemblea Nazzjonali Anthony Cassar Torregiani, u hawnhekk qed nagħmel referenza għall-ġurnata meta seħħewirvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919. Dakinhar, waqt li huwa kien sejjer b'karozzin minn San Ġiljan sal-Belt biex jindirizza l-Assemblea Nazzjonali dwar it-taxxa li kien introduċa l-Imperu Ingliż fuq il-prezz tal-ħobż, waqqfitu persuna li kienet tafu u qatllu biex ma jidħolx ġewwa l-Belt għaliex kienu qed jattakkaw diversi postijiet fiż-żona ta' fejn tiltaqa' l-Assemblea. Qaltlu wkoll li anke d-dar prinċipali tiegħu kienet ġiet attakkata u li kien hemm ukoll ġemgħa ta' nies barra d-dar.

Minkejja dak kollu li ġralu, naraw lil dan il-membru tal-Assemblea jibgħat messaġġ qawwi ta' maturità meta wieħed minn dawk li kien attakkalu d-dar kien mar l-uffiċċju tiegħu biex jitolbu skuża. Skont dak li nsibu fil-ktieb tal-Markiż Nicholas Depiro *Men of Malta*, Cassar Torreggiani kien qal hekk:

> *"This particular morning, he was agitated and said he would not rest until I heard what he has to say. Overcome by remorse and now kneeling before me, he confessed to the prominent part he had taken in sacking and burning my house. I took him by the hand and it was then that I knew, I knew my wounds would eventually heal. I persuaded the man to sit, then I walked slowly and calmly towards my office balcony, I looked blankly down the busy street and I was in pain. Not angry, but overcome. Any desire for retribution, any vengeful thoughts left me and in their stead was not emptiness but warmth. I allowed the love I bore for the country of my birth to pull back into my heart.".*

Dan kollu qed ngħidu għaliex il-maturità politika titlob li kulħadd jaħdem għal pajjiżu, ikun min ikun u f'liema żmien u sitwazzjoni jkun.

Hawnhekk irrid ngħid li mingħajr din il-maturità politika l-Parlament ma kienx ikun kapaċi jkompli jwettaq il-ħidma tiegħu anke matul din is-sena u nofs ta' pandemija. Dan qed ngħidu għaliex hekk kif faqqgħet il-pandemija l-Parlament Malti ta sinjal mill-aktar qawwi għaliex bi ftehim bejn iż-żewġ naħat, ma kien hemm l-ebda interruzzjoni fix-xogħol tal-Parlament. Dan rajnieh u għadna narawh ukoll, pereżempju, fit-tħaddim tal-kumitati parlamentari, fejn bis-saħħa tal-inizjattiva tal-uffiċjali tal-Parlament u tat-teknoloġija, xhieda li ġew mgħajta biex jidhru quddiem kumitat kif ukoll esperti li ġew mitluba jew li talbu biex jagħmlu preżentazzjonijiet, setgħu jkomplu jagħmlu dan b'mod virtwali. L-istess teknoloġija ppermettiet ukoll li membri ta' kumitati li kienu meqjusa bħala vulnerabbli jew kien meħtieġ li josservaw perjodu ta' kwarantina setgħu jippartecpaw b'mod sħiħ fil-laqgħat.

Tajjeb li ngħid li mis-sena l-oħra, jiġifieri mill-aħħar diskors tas-Sette Giugno sal-lum, għaddew aktar mas-65 Att mill-Parlament, li huwa l-ogħla numru li qatt kellna f'sena ta' ħidma parlamentari. Nemmen li għal dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp ta' din l-ogħla istituzzjoni, l-Att tal-Parlament l-iktar sinifikanti għal din l-Istituzzjoni f'din

is-sena kien dak li għamilt referenza għalih b'rabta mal-kwota tar-rappreżentanza femminili fil-Parlament Malti. Kienet tassew ġurnata storika meta mill-Kamra għadda l-Att li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali f'dan ir-rigward. Fl-elezzjoni ġenerali li jmiss, naraw il-frott ta' dan it-tibdil kostituzzjonali; pass ieħor importanti fl-iżvilupp tal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Meta wieħed iħares lejn id-diversi attivitajiet interparlamentari li ħadet sehem fihom is-Sedja u l-Membri tal-Parlament, hawnhekk ukoll wieħed jinnota li l-pandemija ftit li xejn affettwat l-andament tax-xogħol tal-Kamra f'dan ir-rigward. Minbarra d-diversi laqgħat ma' dinjitarji u delegazzjonijiet, is-Sedja ħadet sehem ukoll f'disa' konferenzi interparlamentari li saru lkoll *online*, inkluż id-49 Konferenza tal-*British Isles and Mediterranean Region* tal-Commonwealth organizzata mill-Parlament Malti fl-24 u 25 ta' Settembru 2020, u bl-aktar waħda riċenti tkun dik tal-parteċipazzjoni tas-Sedja fil-Konferenza tal-Ispeakers tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea taħt il-Presidenza Ġermaniża illi nżammet fl-10 ta' Mejju ta' din is-sena.

Il-ħidma tal-kumitati tal-Kamra wkoll ma qatgħetx. Hawn nirreferi, pereżempju, għad-diversi laqgħat li mexxejt tal-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fejn ġew trattati diversi rapporti riferuti lilu matul is-sena mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Ma' dawn inżid il-preżentazzjoni ta' mhux inqas minn 15-il rapport ippreżentat lis-Sedja mill-Awditur Ġenerali, u erba' rapporti min-naħa tal-Ombudsman. Il-ħidma tad-diversi kumitati parlamentari oħra fosthom il-Kumitati dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet, il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u l-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej ukoll ma qatgħetx. Hawnhekk qed nitkellmu fuq 17-il Kumitat Parlamentari illi bejniethom iltaqgħu ferm iktar minn kemm-il darba ltaqgħet il-plenarja.

Dan kollu sar waqt li l-pandemija baqgħet tħalli impatt fuq kull aspett ta' ħajjitna u tal-ħidma tagħna, u ta' dan nixtieq nirringrazzja

lid-Deputati kollha tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni għall-koperazzjoni kontinwa tagħhom, kif ukoll lill-istaff tal-Parlament li ħadem fuq li ħadem biex ix-xogħol parlamentari kollu seta' jitmexxa 'l quddiem. Bir-ritmu ta' xogħol u liġijiet mgħoddija f'sena waħda, il-Parlament Malti bla dubju jinsab minn ta' quddiem nett f'dik li hija *clearance rate*, jew inkella effiċjenza, u dan anke meta mqabbel ma' parlamenti nazzjonali tas-26 pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Minkejja l-progress kollu li sar f'dawn l-aħħar 100 sena, ma jfissirx illi ma fadal xejn xi jsir sabiex l-istituzzjoni tal-Parlament tkun waħda li dejjem aktar tindirizza l-aspettattivi taċ-ċittadini li nirrappreżentaw.

Bżonn li ili nitkellem dwaru huwa dak li l-Parlament ikollu proċedura li tagħti d-dritt tar-rimedju liċ-ċittadini komuni meta dawn ikun jidhrilhom li ġie abbużat il-privileġġ parlamentari fil-konfront tagħhom. Hemm diversi mudelli kif dan ir-rimedju jista' jiġi introdott f'pajjiżna. Fejn jeżisti dan ir-rimedju – magħruf aħjar bħala s-*citizen's right of reply* – hemm sistemi fejn ikun l-Ispeaker li jara u jinvestiga kull akkuża kontra membru parlamentari li jkun abbuża mill-privileġġ parlamentari, u hemm ukoll mudelli fejn ikun kumitat parlamentari li jingħata dan ir-rwol u s-setgħa li jistħarreġ tali lmenti. Irrispettivament minn liema sistema tintgħażel, naħseb li dan huwa aspett li jeħtieġ li nimxu 'l quddiem fih. Nemmen li huwa insult għad-demokrazija f'pajjiżna meta min jiġi elett bħala rappreżentant tal-poplu jkun hu stess li jabbuża minn dak il-privileġġ, u meta ċ-ċittadin komuni jibqa' bla rimedju għal dak li jintqal b'mod falz jew qarrieqi fil-Parlament fil-konfront tiegħu. Is-Sedja għalhekk ittenni għal darb'oħra li f'dawn iċ-ċirkostanzi, anke jekk rari, ċittadin ordinarju għandu tal-anqas ikollu d-dritt għal tweġiba.

Irrid ngħid li minbarra dak ix-xogħol li jiġi rrappurat, il-ħidma minn wara l-kwinti fil-Parlament ukoll ma qatgħetx. Bqajna għaddejjin bix-xogħol tal-proġett fil-Livell -2 tal-binja, fejn kienet tidħol il-ferrovija madwar mitt sena ilu. Ix-xogħol wasal fl-aħħar stadju tiegħu, u jekk Alla jrid fix-xhur li ġejjin ikollna librerija u arkivju parlamentari *state of the art*, kamra oħra tal-kumitati u iżjed uffiċini

għall-impjegati addetti għar-riċerka. Dan kollu sar grazzi għax-xogħol kollu li għamilna flimkien, li minnu mhux ser igawdu biss il-Membri kollha tal-Kamra, imma wkoll il-pubbliku in ġenerali. Dan għaliex bis-saħħa ta' din l-inizjattiva se tiġi faċilitata r-riċerka sabiex tkompli titkattar il-memorja kollettiva tal-istituzzjoni parlamentari.

Bħala l-aħħar kumment xtaqt ngħid li dwar kull deċiżjoni li jien ħadt – inluż fl-24 ruling fl-aħħar sena – ikun hemm min jaqbel u jkun hemm min ma jaqbilx ma' ċerti direzzjonijiet u deċiżjonijiet li nieħu. Iżda, jiena ninsab konfortat bil-fatt li dak li niddeċiedi, jien niddeċidih dejjem b'kuxjenza safja u dejjem inżomm quddiem għajnejja l-interess veru tad-demokrazija parlamentari.